MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

**MAGISTRAT DR.**
**MELI SILVIO LL.D., DIP. STUD. REL., DIP. CAN. MATR. JUR. & PROC., CERT. JUR. & H.R. (STRASBOURG), P.G. DIP. EUROPEAN COMPETITION LAW (KING'S COLLEGE, LONDON), P.G. DIP. EUROPEAN LAW (KING'S COLLEGE, LONDON)**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 392/2001/1

**Waterproof-It Limited**

**vs**

**Rite Mix (Gatt Bros) Ltd.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-3 ta' Mejju tas-sena 2001 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

**1. Thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm483.00,0, (erba' mija tlieta u tmenin lira Maltin),**

**dovuta bhala bilanc ta’ somma akbar, prezz ta’ xoghol ‘building finishing’ mghamul fuq inkarigu tieghu;**

**2. Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata s-27 ta’ Settembru tas-sena 2001 li permezz taghha s-socjeta’ konvenuta eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi preliminarjament l-intempestivita’ ta’ l-azzjoni odjerna;**

**2. Illi fil-meritu huwa minnu li l-eccipjenti kienet inkarigat lis-socjeta’ attrici taghmel xoghol “building finishing”, izda l-prezz ta’ dan ix-xoghol gie mhallas fl-intier tieghu;**

**3. Illi fil-fatt, fil-meritu u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ahhar hlas ta’ l-ammont ta’ tmien mija (Lm800) kien gie effettwat fl-4 t’April, 2001 u dan a saldu ta’ l-ammont totali ta’ Lm25,892 dovut lill-istess;**

**4. Illi in vista tas-susespost, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici;**

**5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghal din il-procedura jistghu jigu elenkati bil-mod segwenti:**

**1. Illi s-socjeta' attrici kienet giet inkarigata biex taghmel xoghol ta' kostruzzjoni lis-socjeta' konvenuta;**

**2. Illi l-ftehim pattwit kien regolarment ezegwit izda jidher li s-socjeta' konvenuta ziedet xi xogholijiet ulterjuri li jidher li kienu gew awtorizzati minn George Gatt direttur tas-socjeta' konvenuta;**

**3. Illi anke dawn ix-xogholijiet ulterjuri gew regolarment konkluzi;**

**4. Illi jirrizulta li bejn is-socjetajiet kummercjali involuti f'din il-procedura kien jezisti "account" stante li x-xogholijiet involuti kienu konsiderevoli;**

**5. Illi s-socjeta' konvenuta ssostni li effettwat pagament ta' tmin mitt Lira Maltin, (Lm800.00,0), lis-socjeta' attrici ghas-saldu ta' kwalunkwe pretensjoni li din jista' jkollha fil-konfront taghha;**

**6. Illi pero' s-socjeta' attrici ssostni li meta inghatat ic-"cheque" meritu ta' dan il-kontenzjuz ma nghatatx l-ittra li tirrizulta fil-process a fol 25 fejn jinghad li l-pagament de quo inghata ghas-saldu kif fuq intqal;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi r-rizoluzzjoni tal-kaz hu wiehed li jippernja unikament fuq il-kredibilita' tax-xhieda mismugha;**

**Illi jirrizulta li d-dokument tas-socjeta' attrici li jidher a fol 19 u li fuqu qed tistrieh l-istess socjeta' ma kienx ingieb a konjizzjoni tas-socjeta' konvenuta, (ara fol 22);**

**Illi in oltre, r-relazzjoni bejn il-kontendenti jidher li kienet wahda pjuttost serena stante li x-xogholijiet**

**estensivi rikjesti saru u l-pagamenti ghall-istess ghaddew b'mod regolari;**

**Illi hija ghalhekkk il-fehema ta' din il-qorti li fuq bilanc ta' probabbilita' l-pagament inkriminat tal-4 t'April tas-sena 2001 effettivament sar ghas-saldu ta' kwalunkwe pretensjoni li s-socjeta' attrici seta' kellha u li meta ssarraf ic-"cheque" de quo l-istess socjeta' attrici kienet konsapevoli minn dan;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet fil-mertu tas-socjeta' konvenuta, tirrispingi t-talbiet attrici bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**